MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 962/2006

**Mobisle Communications Limited
(C24655)**

**Vs**

**Concept Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ sebgha u disghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm97.84c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mis-socjeta’ konvenuta skond Client Contract Number 10425 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2004 u April 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ sebgha u disghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm97.84c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------